



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15131/23
ADD 2

LIMITE

DEVGEN 197
RELEX 1280
GENDER 197
FIN 1128

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 21/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri rigward l-Inizjattiva Spotlight biex tintemm il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet - Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill - Dikjarazzjoni mill-Ungerija

Dikjarazzjoni mill-Ungerija dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 21/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri rigward l-Inizjattiva Spotlight biex tintemm il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet

L-adozzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (KIPI) u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing immarkaw kunsens eċċezzjonali. Dawn poġġew it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tal-iżvilupp u minn meta ġew adottati saru kisbiet importanti fl-oqsma tas-saħħa, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-edukazzjoni. Dawn l-oqsma huma fil-qalba tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli li jinkorporaw bħala prinċipji fundamentali r-rispett universali għad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-ġustizzja, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni.

L-Ungerija għadha ddedikata għall-impenji tagħha fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, fosthom id-drittijiet tan-nisa. Aħna nuru impenn kbir għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tal-KIPI u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing kif ukoll l-Aġenda 2030, li jservu wkoll ta' referenzi bażiċi fl-oqsma tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet riproduttivi.

It-terminu "saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati" u kwistjonijiet relatati bħal "drittijiet sesswali", "kurrikulu komprensiv ta' edukazzjoni dwar is-sesswalità" m'għandhomx definizzjoni kunsenswali fil-livell internazzjonali, inkluż fl-Unjoni Ewropea. Dawn il-kwistjonijiet huma interpretati u promossi mill-Ungerija fil-kuntest tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, il-Programm ta' Azzjoni tal-ICPD u d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti. It-termini u l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq huma interpretati skont dan anke fir-Rapport Speċjali Nru 21/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri rigward l-Inizjattiva Spotlight biex tintemm il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet.